MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 899/2014

**Gaetana Ghiller (ID : 227726M);**

**Josephine Grech (ID : 96933M);**

**Many Mizzi (ID : 43348M);**

**Sharon Mizzi (ID : 578477M);**

**Joseph Mizzi (ID : 360274M) u**

**Lesley Ann Mizzi (ID : 338785M)**

**vs**

**Ernest Muscat (ID : 531761M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti datat 16 ta’ Ottubru 2014 fejn esponew: -

Illi din hija talba ghall-zgumbrament u qed issir *a tenur* tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` "bil-giljottina";

Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji ta' l-ghalqa maghrufa bhala ‘Tal-Fata' fil-limiti tal-Kappucini, Kalkara hekk kif delinejat fil-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A';

Illi l-intimat qieghed jokkupa tali ghalqa minghajr ebda titolu validu skont il-Ligi;

Illi l-intimat ghalkemm interpellat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha fil-ligi ta' tenur tal- Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li l-intimat m'ghandux titolu validu fuq l-ghalqa aktar fuq deskritta u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissoleva kontra t-talbiet ta' l-istess rikorrenti;

Illi r-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull ordni u/jew dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni :

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut intimat qed jokkupa u jzomm l-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Fata' fil-limiti tal-Kappucini, Kalkara, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Konsegwentament tordna lil konvenut intimat biex fi zmien qasir u perentorju kif tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq esposti jizgombra mill-imsemmi fond u jikkonsenja c-cwievet tieghu lir-rikorrenti;

B'riserva u minghajr pregudizzju ghal kull dritt u/jew azzjoni spettanti lir-rikorrenti ghall-hlas ta' kera u/jew danni konsegwenzjali u bl-ispejjez kontra l-intimat inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata d-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (ittra ufficjali numru 3704/2012) li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Novembru 2014.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta’ Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Mark Vassallo u Dr Yanica Caruana ghar-rikorrenti prezenti, u Dr Marie Elise Agius ghall-intimat prezenti. Fil-mori tad-differiment giet ipprezentata risposta guramentata mill-intimat, liema risposta ghadha mhix awtorizzata skont kif jirrizulta mill-ahhar verbal. Dr Yanica Caruana talbet l-isfilz tal-istess. Il-Qorti laqghet it-talba. L-intimat eccepixxa li qed jokkupa l-art in kwistjoni bi qbiela, izda fuq mistoqsija tal-Qorti, ma wera ebda dokument li juri 'prima facie' li qed jokkupa l-art b'titolu ta' qbiela. Billi jirrizulta li l-intimat ma ppruvax 'prima facie' li ghandu eccezzjonijiet x'joffri ghat-talbiet tar-rikorrenti, il-Qorti ser tghaddi biex tghati s-sentenza skont l-Art 167 *et seq* tal-Kap 12, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u tipprefiggi terminu perentorju ta' xahar biex jizgombra mill-art imsemmija. Il-kawza giet posposta ghas-sentenza. Meta regghet issejhet il-kawza l-partijiet u d-difensuri taghhom ma dehrux. Il-Qorti qrat is-sentenza. Il-kawza giet deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond mertu ta’ dawn il-proceduri u kif deskritt fir-rikors promotur. It-talba taghhom hija sorretta b'esebizzjoni tad-denunzja tas-successjoni tal-wirt tal-aventi kawza taghhom Assunta Mizzi (**Dok. B)** li mietet intestata fit-tlieta ta’ Gunju 1988 u pjanta annessa mar-rikors promotur.

Illi l-intimat Ernest Muscat deher fis-seduta appuntata ghas-smigh izda ghalkemm eccepixxa li ghandu titlu fuq l-ghalqa ma kellu l-ebda prova x'juri almenu fuq bazi *prima facie* in sostenn ta' din l-allegazzjoni kif titlob il-Ligi.

*Inoltre* qal ukoll li l-ghalqa mertu ta' din il-kawza lanqas hija l-istess ghalqa minnu okkupat. Riferibbilment ghal din l-ahhar lanjanza, li tikkontradixxi l-allegat titlu tieghu, din il-Qorti tqis li jekk hu qed jokkupa bhala fatt ghalqa li mhix dik in mertu, allura lanqas ghandu teknikament interess f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 167 et. seq tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tqis li l-intimat ma ressaq l-ebda prova kif mitluba bil-ligi mqarr fuq bazi *prima facie* in sostenn tal-allegat titlu tieghu u lanqas qed jimpunja l-porceduri odjerni bhala irregolari.

Ghalhekk ir-rekwiziti stabbiliti bl-artikolu premess huma soddisfatti .

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tilqa** t-talbiet attrici kif gej:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba.

2. **Tilqa’** t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut intimat qed jokkupa u jzomm l-ghalqa maghrufa bhala ‘Tal-Fata’ fil-limiti tal-Kappucini, Kalkara, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. **Tilqa’** t-tielet talba u konsegwentament tordna lil konvenut intimat biex fi zmien perentorju ta’ xahar millum jizgombra mill-imsemmi fond u jikkonsenja c-cwievet tieghu lir-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------